17 ta' Marzu, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

*Angelo Lia et. versus Joseph Esposito et.*

**Lokazzjoni — Sekwestratarju Ġudizzjarju.**

*Meta fond jinsab amministrat minn sekwestratarju ġudizzjarju, huwa*

*dan biss li jista' validament jikri dan il-post. U għalhekk, jekk fond hekk amministrat jiġi mikri lil persuna mis-sekwestratarju ġudizzjarju, u wara jiġi mikri lil persuna oħra minn xi wieħed mill-komproprjetarji tal-fond, ma jkunx il-każ ta' żewġ lokazzjonijiet suċċessivi ta' l-istess fond lil persuni diversi, imma jkun hemm lokazzjoni valida magħmula mis-sekwestratarju ġudizzjarju u oħra invalida magħmula minn dak il-komproprjetarju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma krew minn għand l-Avukat Dr. Arturo Valenzia, sekwestratarju ġudizzjarju fil-kawża "Xuereb Montebello vs. Xuereb Montebello" fuq ċitata, il-post nru. 13 Strada Barone, Żabbar; u illi sussegwentement Annetto Xuereb Montebello, wieħed mill-komproprjetarji, abużivament ikkunsinna ċ-ċwievet ta' l-imsemmi fond lill-konvenut Joseph Esposito, u kera l-post lilu; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, u speċjalment id-dikjarazzjoni tal-validità tal-lokazzjoni magħmula a favur tagħhom mis-sekwestratarju ġudizzjarju, u ta' l-invalidità tal-pretiża lokazzjoni magħmula lill-konvenut Joseph Esposito, il-konvenut Joseph Esposito jiġi kundannat jirrilaxxjalhom l-imsemmi fond numru 13 Strada Barone, Żabbar, u jikkonsenjalhom iċ-ċwievet fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġi l-Qorti. Bl-ispejjeż. Il-konvenuti ġew ordnati biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni jinsab amministrat mill-konvenut Dr. Valenzia bħala sekwestratarju ġudizzjarju fil-kawża fl-ismijiet "Xuereb Montebello vs. Xuereb Montebello" (ċitazzjoni nru. 225/51), li għadha pendenti quddiem din il-Qorti. Dan il-fond kien mikri minn dan is-sekwestratarju b'£6 fis-sena; u meta tbattal, il-konvenut Dr. Valenzia ta ċ-ċwievet tiegħu, li kienu regolarment f'idejh, lill-konvenut Xuereb Montebello, biex dana juri l-fond lill-attur Angelo Lia, li huwa stess kien ħadu għand il-konvenut Dr. Valenzia biex jikrihulu. Għall-ewwel, il-konvenut Xuereb Montebello kien sejjer jieħu l-kera tal-fond huwa stess, imma mbagħad huwa rrinunzja għal dik il-lokazzjoni, u, kif ingħad, huwa ħa lill-attur

Angelo Lia għand is-sekwestratarju ġudizzjarju biex jikri minn għandu dak il-fond. Fil-fatt, il-konvenut Dr. Valenzia kera l-fond lill-attur Angelo Lia bi £12 fis-sena, jiġifieri kif kien ried illi jinkera l-istess konvenut Xuereb Montebello. Meta ħadlu lill-attur Angelo Lia biex jikrilu l-fond, il-konvenut Xuereb Montebello ma tax lura lill-konvenut Dr. Valenzia ċ-ċwievet ta' dan il-fond; anzi in segwitu, u mingħajr ma avżah b'xejn, huwa kera l-fond u kkonsenja ċ-ċwievet tiegħu lill-konvenut Esposito, li daħal fil-fond u beda jiddetjenih;

Ikkunsidrat;

Illi ġie pruvat illi l-lokazzjoni tal-fond ġà msemmija saret biss lill-attur Angelo Lia, u għalhekk l-attur Michele Lia ma għandu ebda interess f'din il-kawża;

Illi d-domandi miġjuba fiċ-ċitazzjoni, in kwantu miġjuba mill-attur Angelo Lia, jidhru ġustifikati, u l-allegazzjonijiet tal-konvenut Xuereb Montebello huma insostenibili. Dan il-konvenut jallega (1) illi l-fond mhux qiegħed f'idejn il-konvenut Esposito, iżda f'idejh bħala wieħed mill-komproprjetarji tiegħu, (2) illi d-dikjarazzjoni ta' l-invalidità tat-tieni lokazzjoni ma tistax issir, għaliex il-fond ġie konsenjat lill-konvenut Esposito in bwona fede, 3) illi ma hemmx lokazzjoni valida bejn il-konvenut Dr. Valenzia u l-attur Angelo Lia, (4) u illi fil-konfront tiegħu d-domanda ma tistax tiġi milqugħa, għaliex huwa eżerċita ma' oħrajn id-dritt tal-preferenza mogħti lilu mill-liġi;

Illi, rigward dawn l-allegazzjonijiet jingħad :—

(1) Illi jista' jkun veru illi l-fond mhux qiegħed f'idejn il-konvenut Esposito; imma hu fatt illi dan il-konvenut daħal fil-fond u ddetjenih għal xi żmien mingħajr ma ħa ċ-ċwievet tiegħu minn għand il-konvenut Dr. Valenzia, kif kien jaf li kellu jagħmel, u li kellu jikkonsenja dawn iċ-ċwievet lill-istess konvenut, jekk u kif ħareġ mill-fond;

(2) Illi f'din il-kawża ma jittrattax minn żewġ lokazzjonijiet, waħda suċċessiva għall-oħra, magħmula mill-istess proprjetarju tal-fond, imma minn lokazzjoni magħmula mill-konvenut Dr. Valenzia, li huwa biss seta' jagħmilha, u minn oħra magħmula arbitrarjament mill-konvenut Xuereb Montebello. Bl-invalidità ta' din l-aħħar lokazzjoni kienu jafu tant il-

konvenut Xuereb Montebello kemm il-konvenut Esposito, b'mod illi t-tnejn kienu in mala fede. Infatti jirriżulta li, malli suppost krielu, il-konvenut Xuereb Montebello bagħat lill-konvenut Esposito għand il-konvenut Dr. Valenzia biex dan jirrikonoxxih bħala inkwilin. Dan juri illi l-konvenut Xuereb Montebello kien jaf illi huwa ma setax jikri l-fond, kif ukoll juri illi l-konvenut Esposito kien jaf illi mingħajr ir-rikonoxximent tal-konvenut Dr. Valenzia ma kienet saritlu ebda lokazzjoni. U meta l-konvenut Esposito mar għand il-konvenut Dr. Valenzia biex dana jirrikonoxxih, dan qallu illi huwa kien kien ġa kera l-fond lil ħadd ieħor, u illi l-lokazzjoni li suppost għamillu l-konvenut Xuereb Montebello ma kienetx tiswa;

(3) Illi ġie biżżejjed pruvat illi l-konvenut Dr. Valenzia kera validament il-fond lill-attur Angelo Lia bi £12 fis-sena. Il-fond seta', u anzi kellu, jiġi mikri mill-konvenut Dr. Valenzia, u l-lokazzjoni magħmula minnu kienet valida. "La nomina di un sequestratario giudiziario rende costui il depositario dei diritti spettanti ai condomini o compossessori per la retta amministrazione della cosa comune, ed importa una tacita cessione dei diritti suddetti dei condomini o compossessori su detta amministrazione, involuta nel mandato di cui si trova rivestito il sequestratario giudiziario medesimo per volontà, se non espressa, almeno tacita degli stessi condomini o compossessori. E così la volontà del sequestratario giudiziario, sotto i provvedimenti della Corte, deve "durante munere" assorbire quella dei singoli comproprietari di lui mandanti......" (Vol. XXV—II—626);

(4) Illi l-konvenut Xuereb Montebello ma jista' jieħu ebda vantaġġ mid-dritt tal-preferenza eżerċitat minnu, għaliex mhux biss huwa kien irrinunzja għal-lokazzjoni tal-fond, billi huwa stess ħa lill-konvenut Esposito għand il-konvenut Dr. Valenzia biex dan jikrilu dak il-fond, imma wkoll għaliex dak id-dritt huwa eżerċitah wara illi l-konvenut Dr. Valenzia kien ġà validament kera l-istess fond lill-attur Angelo Lia. Anzi huwa kien jaf b'din il-kirja mhux minn wara x-xhieda tal-konvenut Dr. Valenzia f'din il-kawża, kif allega fl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 1953 (dok. fol. 28), imma ferm qabel,

billi kienu qalulu biha tant l-attur Angelo Lia kemm il-konvenuti Dr. Valenzia u Esposito;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenut Esposito;

Tillibera lill-konvenuti mid-domandi in kwantu l-istess jmsahu diretti kontra tagħhom mill-attur Michele Lia, bl-ispejjeż kontra dan l-attur; u, waqt li tiddikjara illi l-lokazzjoni magħmula lill-attur Angelo Lia mill-konvenut Avukat Dottor Valenzia fil-kwalità li jidher fiha hi valida, u illi hija invalida l-lokazzjoni pretiża magħmula mill-konvenut Xuereb Montebello lill-konvenut Esposito, tikkundanna lil dan ta' l-aħħar jirrilaxxja lill-attur Angelo Lia l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni u jikkonsenjalu ċ-ċwievet tiegħu fi żmien ħmistax-il ġurnata, prorogabili għal ġusta kawża. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu b'dan il-mod: dawk ta' l-attur Angelo Lia u tal-konvenut Avukat Dr. Valenzia jħallashom il-konvenut Xuereb Montebello; u l-konvenut Esposito jħallas l-ispejjeż tiegħu.